**STQARRIJA / AWISSU 2021**

**STQARRIJA MILL-AWTORITA' TA MALTA DWAR IL-KOMMUNIKAZZJONI (MCA) u l-FONDAZZJONI GĦALL-AĊĊESSIBBILITA' FIT-TEKNOLOGIJA TAL-INFORMAZZJONI (FITA)**

**Jissaħħaħ il-moniteraġġ tas-siti elettroniċi u mob apps tal-Gvern fil-qasam ta' aċċessibilita' għal kulħadd, inkluż għal persuni b'diżabbilita.**

Permezz ta' iffirmar ta' memorandum ta' ftehim bejn l-Awtorita' ta' Malta Dwar il-Kommunikazzjoni (MCA) u l-Fondazzjoni għall-Aċċessibbilita' fit-Teknoloġija tal-Informazzjoni (FITA), se tissaħħaħ il-ħidma sabiex is-siti elettronici inkluż il-mobile apps tas-settur pubbliku jkunu aċċessibbli u inklussivi għal kulħadd inkluż għal dawk il-persuni li jbatu minn xi forma ta' diżabilita'.

Flimkien, dawn iż-żewġ entitajiet ser ikomplu bil-moniteraġġ ta' siti elettroniċi u ser jibdew bil-moniteraġġ tal-mobile apps tas-settur pubbliku.

Huma ser iservu ta' assistenza għal diversi entitajiet pubbliċi sabiex jiġi assigurat lis-siti elettroniċi u l-mobile apps tagħhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-aċċessibilita' tas-siti elettroniċi, li minn Ġunju ta' din is-sena, daħlet fis-seħħ il-moniteraġġ addizzjoni tal-mobile applications. B'hekk, hekk kif titlob id-direttiva, jiġi assigurat li l-informazzjoni u l-vantaġġi li jġibu magħhom is-sit elettroniċi u l-mob apps tas-settur pubbliku jkunu aċċessibbli b'mod iżjed faċli, għal kulħadd.

Il-Kap Eżekuttiv tal-MCA, is-Sur Jesmond Bugeja, qal li x-xogħol mitub mid-Direttiva dwar l-aċċessibbilta` tas-siti elettroniċi jkompli jibni fuq il-ħafna xogħol regolatorju li tmexxi l-MCA, kemm fil-promozzjoni ta' servizzi ta' konnettivita' diġitali mill-aqwa u l-iffaċilitar ta' użu aċċessbbli tas-servizzi ta' konnettivita' diġitali f'pajjiżna.

Min-naħa tiegħu, il-Kap Eżekuttiv tal-FITA Carlo Stivala qal li il-FITA ser issahhah is-servizzi taghha billi tibni struttura teknika u amministrativa b'sahhitha sabiex tilhaq kull domanda li tircievi minn persuni b'dizabilita' u izzid il kontrolli fuq siti u Apps biex tghin l'accessibilita.

Il-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija Silvio Schembri semma' l-ħidma tal-Gvern sabiex firxa aktar wiesgħa ta` nies ikunu jistgħu jaċċessaw ir-riżorsi diġitali offruti minnu kif ukoll jara li ħadd ma' jibqa' lura f'soċjeta' u ekonomija li kull ma tmur qed tinkorpora iżjed l-aspett diġitali.

Huwa faħħar il-ħidma ta' moniteraġġ kontinwu tal-Awtorita', li ġiet assenjata l-irwol ta' regolatur fil-qasam tal-infurzar u l-monitoraġġ praottiv,tas-siti elettroniċi tas-settur pubbliku f'Malta sabiex jiġi assigurat li dawn qegħdin f'konformita' ma' din id-Direttiva.

(+356) 2133 6840
pr.mca@mca.org.mt

Valletta Waterfront, Pinto Wharf, Floriana FRN1913, Malta

Schembri innota kif dan il-proġett jista’ jkun ta` benefiċċju għal kulħadd u mhux biss għal persuni b’diżabbilta`. B’mod prattiku, meta persuna tkun qed taċċessa websajt minn fuq ‘mobile device’ fid-dawl tax-xemx, jista’ jkun difficli li tara l-kontenut tal-websajt minħabba d-dawl qawwi u n-nuqqas ta kuntrast li jkun ġie wżat fid-disinn tal-websajt. F’dar-rigward, d-Direttiva tistipula li l-‘contrast ratio’ tas-siti elettroniċi irid ikun qawwi biżżejjed sabiex il-kontenut ikun jista’ jinqara faċilment u dan jgħin anke meta persuna tkun qed taċċessa s-sit f’tali ambjent.

Il-Ministru għall-Ugwaljanza, Riċerka u Innovazzjoni Owen Bonnici qal li l-FITA tinsab fi proċess fejn qed jissaħħaħ u jittejjeb l-operat tagħha biex b'hekk tkun tista' tagħti iktar servizzi lill-persuni kollha vulnerabbli sabiex dawn jgħixu kwalita' ta' ħajja aħjar bis-saħħa tat-teknoloġija.  Huwa qal li l-perjodu tal-pandemija wera kemm it-teknoloġija tista' tagħmel differenza lil ħafna nies u saħaq li l-Gvern jemmen li kull persuna għandu jkollha d-dritt li taċċedi għal dawn is-servizzi teknoloġiċi f'pajjiżna.

Huwa faħħar il-ħiliet b'saħħithom ħafna li hemm fi ħdan il-FITA sabiex isir moniteraġġ ta' siti elettroniċi u issa anke ta' mobile apps fis-settur pubbliku sabiex wieħed jaċċerta ruħu li persuni b'dizabbilita' jkunu jistgħu jaċċedu għal dawn is-siti u apps.

Dr Bonnici qal li t-transizzjoni diġitali hija opportunita' b'saħħitha ħafna għal pajjiżna biex ikompli jimxi 'l quddiem u saħaq li bis-saħħa ta' dan il-ftehim wieħed qed isaħħaħ dejjem iktar il-ħtieġa li s-soċjeta' kollha tkun parti minn din it-transizzjoni li tagħti opportunitajiet kbar.